MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 362/2007

**Floreal Group Co. Ltd**
**(C 21330)**

**Vs**

**Lino Micallef u**
**Domenic Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta` April, 2007, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta` tliet mija u erbgha u tmenin lira u tmenin centezmu (Lm384.80) rapprezentanti prezz ta` bejgh ta` materjal ghal tiswija ta` vetturi debitament mibjugha lill-istess konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra nterpellatorja datata 10 ta` April, 2007 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-26 ta` Gunju, 2007 meta gie pprezentat il-kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u l-anqas ghas-seduta ta` llum u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenuti fil-konfront tat-talba attrici kif dedotti f'dan l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' tliet mija u erbgha u tmenin lira u tmenin centezmu (Lm384.80), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------